# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR
# U L-ISKOLA SEKONDARJA 2002

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

Isem: ______________________________ Klassi: ___________

Istruzzjonijiet lill-Kandidat/a:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| MISTOQSIJA | A | B | Ċ | D | E | F | ORAL | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MARKI | 8 | 20 | 4 | 8 | 30 | 20 | 10 | 100 |
| MARKI TA' L-ISTUDENT/A | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***

## Meta Nitkellmu Fuqna Nfusna



Kulħadd jitkellem fuq l-affarijiet personali tiegħu ma' ħaddieħor. Li nitkellmu fuqna nfusna hu importanti fir-relazzjoni tagħna ma' l-oħrajn. In-nies jattirawna ħafna iktar meta jaqsmu affarijiet privati ta' ħajjithom magħna. Xi nies jitkellmu fuqhom infushom biex jaqilgħuha minn fuq l-istonku. F'mument ta' dispjaċir, bħala eżempju, jiddeċiedu jgħidu lil xi ħadd kemm jixtiequ li ma għamlux ċerti żbalji fil-passat. *(par. 1)*

Hawn min jiċċara l-opinjonijiet tiegħu, dak li jemmen, jaħseb u jħoss, billi jitkellem fuqu nnifsu ma' persuna oħra. Bħala eżempju, jibda jirrakkonta lil xi ħadd fuq konflitt li kellu, u hu u jitkellem, waħdu jinduna li dak li kellu xi jgħid miegħu kellu punt li qabel hu ma kienx rah. *(par. 2)*

Int tkun ħadt deċiżjoni jew ġibt ruħek b'ċertu mod. Imbagħad, titkellem ma' xi ħadd u tkun tixtieq li din il-persuna tgħidlek li int għamilt sew u li ddeċidejt tajjeb. Hawn tkun qed tfittex konferma ta' dak li temmen fuqek innifsek. Bħala eżempju, int tkun ġbidt l-attenzjoni lil xi ħadd, u dan ikun ħadek ħażin. Imbagħad tmur tkellem lil sieħbek u tkun tixtieq li hu jara l-punt tiegħek -- li int *xtaqt tgħinu* u mhux tfixklu, u li inti persuna li *tixtieq il-ġid* lil ħaddieħor. *(par. 3)*

Jekk int titkellem fuqek innifsek ma' ħaddieħor, hemm ċans kbir li ħaddieħor jitkellem fuqu nnifsu miegħek. Għalhekk, xi nies jiddeċiedu li jitkellmu fuqhom infushom biex jagħmlu kuraġġ lil persuna oħra li titkellem fuqha nnifisha. Ġieli naqsmu informazzjoni personali ma' oħrajn sabiex jaraw is-sabiħ tal-karattru tagħna. Bħala eżempju, tnejn li qed joħorġu flimkien, jitkellmu fuqhom infushom sabiex il-***partner*** jara/tara lill-ieħor/oħra bħala persuna interessanti. *(par. 4)*

In-nies li jridu relazzjoni tajba u li tibqa' b'saħħitha, jiddeċiedu li jitkellmu fuqhom infushom b'onesta' kbira. Jekk taqsam informazzjoni personali, tista' żżid ukoll il-kontroll tiegħek fuq is-sitwazzjoni li tkun tinsab fiha. Ngħidu aħna, jekk trid titlaq mix-xogħol u tgħid lill-imgħallem li sibt xogħol ieħor, hemm ċans li l-imgħallem jgħollilek il-paga jekk jaħseb li int ħaddiem tajjeb u jkun irid iżommok. *(par. 5)*

F'relazzjoni, il-fiduċja hija importanti. Din takkwistaha bl-onesta' u bir-rispett. Mingħajr dawn it-tnejn, ir-riżultat kważi dejjem ikun negattiv. *(par. 6)*

*(addattament minn kitba ta' Roslyn Bonello f'**Satu Express** --Sett. 2001)*

| A. FEHIM IT-TEST | *(8 marki)* |
|---|---|

1. Għaliex f'relazzjoni hu importanti li nitkellmu fuqna nfusna? (par.1)

_______________________________________________ **(marka)**

2. Tajjeb li nistqarru l-iżbalji tagħna ma' ħaddieħor. Għaliex? (par.1)

_______________________________________________ **(marka)**

3. X'ġid jikseb min jirrakkonta l-konflitti li jkollu? (par. 2)

_______________________________________________

_______________________________________________ **(marka)**

4. Xi trid tfisser il-kittieba bil-kliem *tfittex konferma ta' dak li temmen*? (par.3)

_______________________________________________ **(marka)**

5. Kif tista' tħajjar persuna tiftaħ qalbha miegħek? (par. 4)

_______________________________________________ **(marka)**

6. X'hemm bżonn li wieħed jagħmel biex iżomm relazzjoni tajba? (par.5)

_______________________________________________**(marka)**

7. X'taħseb li trid tfisser il-kittieba meta tgħid li tista' żżid il-kontroll tiegħek fuq is-sitwazzjoni li tinsab fiha? (par.5)

_______________________________________________

_______________________________________________ **(2 marki)**

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | *(20 marka)* |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. ***Kemm jixtiequ***.........Ikteb fin-negattiv: *kemm*____________________ **(marka)**

2. ***Jgħollilek il-<u>paga</u>***. Poġġi pronom flok il-kelma b'sing taħtha u ehmżu

   ma': ***jgħollilek***_____________________________________ **(marka)**

3. Agħti z-zokk morfemiku ta' ***interessanti*** ______________________ **(marka)**

4. Nissel il-kelma kif mitlub/a: **(5 marki)**

| | |
|---|---|
| i. aġġettiv minn ***kuraġġ*** | i. |
| ii. nom minn ***niddeċiedu*** | ii. |
| iii. is-7 forma ta' ***tgħidlek*** | iii. |
| iv. parteċipju passiv minn ***konferma*** | iv. |
| v. il-plural sħiħ ta' ***relazzjoni*** | v. |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

5. Ikteb sinonimi (kliem ieħor bl-istess tifsira) għal: **(3 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| jattirawna *(par.1)* ______________________ | mument *(par.1)* ______________________ | opinjonijiet *(par.2)* ______________________ |

6. Sabiex il-***partner*** jara/tara....(par.4) Agħti kelma Maltija għal ***partner***:

____________________________________________________________ **(marka)**

**ANALIŻI TESTWALI**

7. *Jaqsmu affarijiet privat**i** (par.1).* X'tindika l-vokali ***i*** fil-kelma *privat**i***?

______________________________________________________________**(marka)**

8. *Biex jaqilgħu**ha** minn fuq l-istonku... (par.1)* Għalxiex qed jirreferi l-pronom

***ha*** fil-kelma *jaqilgħuha*?____________________________________ **(2 marki)**

9. *Hawn tkun qed tfittex konferma..(par.3).* Il-kelma ***hawn*** tindika:

post ____ ħin ____ ċirkostanza ____ **(marka)**

**SINTASSI**

10. Għaqqad iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża xi konġunzjoni (u, iżda, l-iktar, eċċ.)

    *F'relazzjoni, il-fiduċja hija importanti. Din takkwistaha bl-onesta' u bir-rispett.*

    ______________________________________________

    **(2 marki)**

11. Aqleb f'diskors dirett:

    *Jgħidu lil xi ħadd kemm jixtiequ li ma għamlux ċerti żbalji fil-passat.*

    *Jgħidu*:"______________________________" **(2 marki)**

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | ***(4 marki)*** |
|---|---|

**IDJOMI, QWIEL, VERBI FRAŻJALI ....**

1. Flok il-kliem b'sing taħtu, ikteb idjoma li fiha tissemma parti mill-ġisem:

   *Meta sieħbu fetaħ qalbu miegħu, baqa' skantat b'dak li sema'.*

   ______________________________ **(2 marki)**

2. *Anna tħobb taqsam ma' ħaddieħor dak li tkun tħoss għax tgħid li b'hekk tistrieħ. Nannitha dejjem twissiha biex man-nies tkun dħulija, iżda l-ħajja privata ma turiha lil ħadd.*

   X'qawl taħseb li tħobb tgħid in-nanna u li joqgħod għat-tifsira b'sing taħtha?

   ______________________________ **(2 marki)**

| **D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** | ***(8 marki)*** |
|---|---|

Agħżel **WAĦDA** minn ***a*** u ***b***: (Ikteb madwar 80 kelma)

a) Tħares lejn il-mera u titkellem miegħek innifsek. Ikteb 8 punti dwar il-karattru tiegħek.

b) Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek u li fiha tiftaħ qalbek dwar xi problema li qed tkiddek. Tinsiex tikteb l-indirizz u ismek.

E. LETTERATURA: QAWSALLA (30 marka)

**(i) Aqra din is-silta minn "Tiftakar,Ħi?" ta' Ġużè' Delia, u wieġeb:**

Qalbek ħebritek dak in-nhar li d-damma
Tal-jiem ta' ħajtek waslet qrib għeluqha?
Ma nafx. Niftakar li rajt xenqa f'ħarstek
F'ħarstek misfija 'l hemm mis-sħab misruqa!

U rajt fuq fommok bħal tbissim ta' ġenna..
Xofftejk jitriegħdu, bħal qegħdin jitkellmu...
Hekk, ħsibt, bejniethom fis-smewwiet jitbissmu
Meta wieħed lill-ieħor l-anġli jsellmu!

Ċass hekk bqajt tħares sakemm fl-aħħar għebet
ix-xemx fil-baħar u ntfiet fl-art id-dija...
u siket l-għana tal-għasfur fil-ġonna,
u d-dalma waqgħet mill-għoljiet ġeblija....

...ftit xhur biss wara rajtu jifrex fuqek
l-anġlu ħabbar tal-mewt ġwenħajh dellija,
u jrodd fuq ġbinek bewstu kiesħa kiesħa,
bħaż-żiffa mreżżħa tal-għodwiet xitwija.

1. Lil min qed jindirizza l-poeta f'din il-poeżija?

_______________________________________________________ **(marka)**

2. Din il-poeżija tissejjaħ: a) nostalġija___, b) eleġija___, ċ) saffika ___ għax

_______________________________________________________ **(2 marki)**

3. *Qalbek ħebritek dak in-nhar.....?* Għal meta qed jirreferi b'*dak in-nhar*?

_______________________________________________________ **(2 marki)**

4. Ikkummenta dwar il-metrika:

_______________________________________________________

_______________________________________________________

_______________________________________________________ **(3 marki)**

5. *F'ħarstek misfija 'l hemm mis-sħab misruqa*. Fisser dan il-vers skond is-sens tal-poeżija:_______________________________________ **(2 marki)**

6. Fiex ħaseb il-poeta meta ra x-xofftejn jitriegħdu?

_______________________________________________________ **(2 marki)**

7. Mir-raba' strofa tas-silta, sib:

   (a) metafora: ______________________________________________

   (b) tixbiha (similitudni): __________________________________ **(2 marki)**

**(ii) Wieġeb mistoqsija *WAĦDA* u ikteb f'għamla ta' komponiment f'madwar 200 kelma**

a) It-tfulija tħalli tifkiriet sbieħ u koroh. Skond dak li qrajt f'**Qawsalla**, uri kemm dan hu minnu.

b) Ikteb fi kliemek dwar xi aspetti folkloristiċi li ltqajt magħhom f'**Qawsalla**.

ċ) Fir-relazzjonijiet bejn ulied u ġenituri, ġie li jkun hemm element ta' tbatija. Iddiskuti b'referenza għal xi xogħlijiet li studjajt.

d) Meta jittrattaw it-tema ta' l-ambjent soċjali, il-kittieba jsemmu nuqqasijiet li ma jogħġbuhomx. Ikteb dwar uħud minn dawn in-nuqqasijiet.

**(16-il marka)**

## F. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Agħżel **wieħed** u ikteb daqs **350 kelma** fuq karta separata:

i. Kieku dik id-darba tkellimt, ma kienx jiġri li ġara!

ii. Kelli nagħmel taħdita.

iii. In-nanna fetħet qalbha u qaltilna sigriet.

iv. Dak li dejjem xtaqt ngħid u qatt ma għedtu.

v. Xi jħobbu jiddiskutu ż-żgħażagħ.

vi. L-ulied għandhom jiftħu qalbhom mal-ġenituri?